Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 45/21**
il-Lussemburgu, 24 ta’ Marzu 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-870/19 u C-871/19
Prefettura Ufficio territoriale del governo di Firenze vs MI u TB

# Is-sewwieqa ta’ trakkijiet, kowċijiet u xarabankijiet li, fil-kuntest ta’ spezzjoni, ma jippreżentawx il-folji ta’ reġistrazzjoni tat-takografu fir-rigward tal-jum tal-ispezzjoni u tat-28 jum ta’ qabel jistgħu jiġu suġġetti għal sanzjoni waħda, irrispettivament min-numru ta’ folji ta’ reġistrazzjoni neqsin

*Il-prinċipju ta’ nullum crimen, nulla poena sine lege, li jistipula li ċ-ċittadini għandhom ikunu f’pożizzjoni li jkunu jafu liema aġiri jistgħu jagħtu lok għar-responsabbiltà kriminali tagħhom u liema huma s-sanzjonijiet previsti mil-liġi, japplika f’dan il-qasam*

Fl-2013, waqt żewġ spezzjonijiet fit-triq imwettqa fl-Italja, l-awtoritajiet Taljani kkonstataw li MI (Kawża C-870/19) u TB (Kawża C-871/19), fil-kwalità tagħhom ta’ sewwieqa ta’ vetturi ta’ trasport bit-triq (trakkijiet, kowċijiet u xarabankijiet), ma kinux f’pożizzjoni li jippreżentaw il-folji ta’ reġistrazzjoni tat-takografu installat abbord il-vettura tagħhom, relatati mal-jum kurrenti u ma diversi mit-28 jum ta’ qabel. Għaldaqstant, dawn l-awtoritajiet imponew diversi sanzjonijiet amministrattivi fuq MI u fuq TB għal numru ta’ ksur.

MI u ta’ TB ippreżentaw rikorsi kontra dawn is-sanzjonijiet quddiem il-qrati Taljani.

Il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti tal-Kassazzjoni, l-Italja) li ġiet adita b’dawn il-kawżi bħala qorti tal-aħħar istanza, tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni [1], li jeżiġi li sewwieq ikun f’pożizzjoni li jippreżenta l-folji ta’ reġistrazzjoni relatati mal-perijodu li jkopri l-jum tal-ispezzjoni u t-28 jum ta’ qabel, għandux jiġi interpretat fis-sens li, f’ċirkustanzi bħal dawk ta’ din il-kawża, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimponu fuq is-sewwieq sanzjoni unika, minħabba ksur uniku, jew inkella diversi sanzjonijiet separati, minħabba diversi ksur separati li n-numru tagħhom jikkorrispondi għal dak tal-folji ta’ reġistrazzjoni neqsin.

Fis-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li fil-każ ta’ **nuqqas ta’ preżentazzjoni**, mis-sewwieqa ta’ trakkijiet, kowċijiet u xarabankijiet li jkunu s-suġġett ta’ spezzjoni, **tal-folji ta’ reġistrazzjoni tat-takografu relatati ma’ diversi ġranet** ta’ attività matul il-perijodu li jkopri l-jum tal-ispezzjoni u t-28 jum ta’ qabel, **l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-post ta’ spezzjoni huma obbligati jikkonstataw biss ksur uniku mwettaq minn dan is-sewwieq u li jimponu fuqu biss sanzjoni waħda**.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni hija intiża, minn naħa, għat-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sewwieqa ta’ trakkijiet, kowċijiet u xarabankijiet kif ukoll tas-sigurtà fit-toroq b’mod ġenerali, u, min-naħa l-oħra, għall-istabbiliment ta’ regoli uniformi dwar it-tul tas-sewqan u dwar il-ħin tal-mistrieħ tas-sewwieqa kif ukoll il-kontroll tagħhom. Kull Stat Membru għandu jiżgura l-osservanza ta’ dawn id-dispożizzjonijiet fit-territorju tiegħu billi jipprevedi sistema ta’ sanzjonijiet għal kull ksur.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li d-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi **obbligu uniku li jkopri t-totalità ta’ dan il-perijodu totali ta’ 29 ġurnata.** Għalhekk, il-ksur ta’ dan l-obbligu jikkostitwixxi **ksur uniku u**

[1] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta’ Diċembru 1985 dwar apparat ta’ reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 227), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU 2006, L 102, p. 1, bir-Rettifika fil-ĠU L 195, 20.7.2016, p. 83).

**instantanju**, li jikkonsisti fl-impossibbiltà li s-sewwieq jippreżenta, fil-mument tal-ispezzjoni, id-29 folja ta' reġistrazzjoni kollha jew parti minnhom. Dan il-ksur jista' jagħti lok biss għal **sanzjoni waħda.**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika, madankollu, li tali ksur ikun ħafna iktar serju iktar ma jkun kbir in-numru ta' folji ta' reġistrazzjoni li ma jkunux jistgħu jiġu ppreżentati mis-sewwieq.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-Istati Membri għandhom jipprevedu **sanzjonijiet suffiċjentement għolja**, **proporzjonali** għas-serjetà tal-ksur, sabiex jinkiseb **effett realment dissważiv**. Barra minn hekk, dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu suffiċjentement **modulabbli skont is-serjetà** tal-ksur.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-prinċipju ta' ***nullum crimen, nulla poena sine lege***, stabbilit fl-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, **japplika** f'dan il-qasam. Dan il-prinċipju jeżiġi li l-liġi tiddefinixxi b'mod ċar ir-reati u l-pieni li jikkastigawhom. Din il-kundizzjoni tiġi ssodisfatta meta l-persuna suġġetta għal-liġi tkun tista' tagħraf, mill-kliem tad-dispożizzjoni rilevanti u, jekk meħtieġ, bl-għajnuna tal-interpretazzjoni tagħha mogħtija mill-qrati, liema atti jew ommissjonijiet jimplikaw ir-responsabbiltà kriminali tagħha.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*